MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. BONNICI JOSEPH

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1204/2002/1

Avviz Numru 1204/01 AJD
Vallmor Borg Import - Export Limited

vs

Christopher Engerer

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sitta u ghaxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1,426.78) rapprezentanti debitu bilancjali rikonoxxut mill-konvenut skond skrittura privata minnu ffirmata u accettata tat-23 ta' Marzu 1998 (Dok. A).
Bl-ispejjess, komprizi dawk tal-ittri legali tat-23 ta' Lulju 1998 u tas-16 ta' Frar 2001, l-ispejjes u d-drittijiet tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie ntavolat kontestwalment malAvviz, u bl-imghax legali dekorrribbli

mid-data tal-iskrittura privata tat-23 ta' Marzu 1998 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:
1. Illi preliminarjament l-iskrittura datata 23 ta' Maarzu 1998 hija nulla u bla effett stante illi tikkostitwixxi kostituzzjoni ta' debitu u kwindi kienet tirrikjedi l-firma ta' mart il-konvenut ai termini tal-Artikolu 1322 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ta' Mariucca Engerer.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet in kwantu jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza in kwantu jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkkunsidra:

Illi l-konvenut qed jeccepixxi n-nullita' tal-iskrittura tat-23 ta' Marzu 1998 stante li l-imsemmija skrittura m'hijiex iffirmata minn martu. Huwa jsostni li permezz ta' din l-iskrittura huwa kkostitwixxa ruhu bhala debitur tas-socjeta' attrici , li dan ll-att kien jikkkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja u li ghalhekk kient mehtiega l-firma ta' martu. Waqt it-trattazzjoni orali l-avukat difensur accenna wkoll ghall-fatt li permezz tal-imsemmija skrittura saret novazzjoni ta' obbligazzjoni da parti tal-konvenut.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li n-natura tal-obbligazzjoni assunta mill-konvenut hija wahda ta' kostituzzjoni ta' debtu stante li l-istess konvenut semplicement irrikonoxxa lilu nnifsu bhala debitur ghall-ammont imsemmi fl-

imsemmija skrittura u ghalhekk ma jistghax jinghad li kien hemm xi forma ta' novazzjoni. Inoltre f'din l-iskrittura ma saret ebda referenza ghal xi obbligu precedenti assunt mill-konvenut. Ma hemmx dubju li dan l-att maghmul mill-konvenut jikkostitwixxi att straordinarju ta' amministrazzjoni ai termini tal-Artikolu 1322(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li kwindi kien mehtieg il-kunsens ta' mart il-konvenut.

Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt li dan il-kunsens da parti ta' mart il-konvenut ma nghatax. Fil-fatt mart il-konvenut ikkonfermat li hija ma ffirmatx l-iskrittura in kwistjoni u li hija saret taf bl-ezistenza ta' di' l-iskrittura biss dakinhar li tat id-deposizzjoni taghha quddiem it-Tribunal u cioe' fit-2 ta' Ottubru 2002.

Illi dan il-fatt izda ma jikkomportax in-nullita' tal-iskrittura in kwistjoni. L-Artikolu 1326 tal-Kap. 16 fil-fatt jistabbilixxi li:
*"Atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra jistghu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta' jedd rreali jew personali fuq propjeta' immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar propjeta' mobbli dawn jistghu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw fuqhom b'titolu gratwitu."*

Illi inoltre is-sub-inciz (2) tal-imsemmi Artikolu jistabbilixxi li kull azzjoni ghall-annullameent tista' tittiehed biss mill-parti li kien mehtieg il-kunsens taghha. Mart il-konvenut ikkonfermat li hija ma kienet intavolat ebda azzjoni sabiex tannulla l-iskrittura tat-23 ta' Marzu 1998 u li inoltre hija ma kellha ebda ntenzjoni li tiehu passi sabiex tannulla din l-iskrittura.

Illi ai termini tal-Artikolu 1326(1) l-imsemmija skrittura hija biss annullabbli u mhux nulla. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **'Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lam' (Vvol. XXXVI. Ii. Pg 585)** fejn il-Qorti qalet *li "hija gurisprudenza kostanti li meta l-kwistjoni hija ta' nullita', l-konvenut f'kawza jista' jaghtiha b'eccezzjoni, imma jekk il-kawza*

*hija wahda ta' annullabilita', ma tistax tingieb il-quddiem hlief b'azzjoni ad hoc".*

Illi kif intqal aktar il-fuq mart il-konvenut, li ai termini tal-Artikolu 1326(2) hija l-unika persuna li tista' tattakka l-iskrittura in kwistjoni, ma haditx, u m'ghandhiex intenzjoni li tiehu, passi sabiex tannulla l-istess skrittura. Isegwi ghalhekk li l-konvenut ma jistghax jissolleva din il-kwistjoni per via d'eccezzione fil-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi, t-Triibunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut bl-ispejjes kontra l-istess konvenut u jiddiferixxi l-kawza ghal prosegwiment tas-smiegh tal-provi dwar il-mertu.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**